



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Mejju 2016  
(OR. en)

9078/16

SOC 271  
EMPL 167

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/KUNSILL  
Nru dok. preċ.: 13466/15 SOC 622 EMPL 411  
Suġġett: Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol  
- Hafra tas-Sinjura Anka Mihaela PRICOP, membru supplenti  
għar-Rumanija, minflok is-Sur Marian TĀNASE, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie nfurmat bir-riżenja tas-Sur Marian TĀNASE, bħala membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għar-Rumanija).
2. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005, il-membri tal-Bord Governattiv jinhā mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tar-Rumanija nnomina lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fis-7 ta' Novembru 2016:

Is-Sinjura Anca Mihaela PRICOP  
Kap tal-Unità — Direttorat tal-Assigurazzjoni Soċjali, unità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol  
Ministru għax-Xogħol, il-Familja, il-Protezzjoni Soċjali u l-Anzjani  
2-4 Dem. I. Dobrescu st., Sector 1  
RO-BUCHAREST 1  
Tel/Fax : + 40 21 315 22 90  
indirizz elettroniku: ancapricop@mmuncii.ro

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehma li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u
- (b) jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea.*

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti tal-

Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħi,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013<sup>2</sup>, tat-12 ta' Ġunju 2014<sup>3,4</sup>, tat-18 ta' Novembru 2014<sup>5</sup>, tal-15 ta' Diċembru 2014<sup>6</sup>, u tas-16 ta' Marzu 2015<sup>7</sup> il-Kunsill ġatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fis-7 ta' Novembru 2016.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Marian TĀNASE, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tar-Rumanija nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

<sup>1</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1643/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 156, 7.7.1995, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1654/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 38) u r-Regolament (KE) Nru 1112/2005 tal-24 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

<sup>2</sup> ĠU C 360, 10.12.2013, p. 8.

<sup>3</sup> ĠU C 182, 14.6.2014, p. 14.

<sup>4</sup> ĠU C 186, 18.6.2014, p. 5.

<sup>5</sup> ĠU C 420, 22.11.2014, p. 6.

<sup>6</sup> ĠU C 453, 17.12.2014, p. 2.

<sup>7</sup> L 75, 19.3.2015, p. 18.

## Artikolu 1

Is-Sinjura Anka Mihaela PRICOP hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Marian TĀNASE, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fis-7 ta' Novembru 2016.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President

---